Nghid is-sew, xtaqt sibt fil-Volum li tana Chetcuti dawk l-irqaqat li tant isebbħu l-poeżiji, bħal ngħidu aħna assonanza, alliterazzjoni u rima ġewwinija. Sibt xi każi 'l hawn u 'l hinn bħal fil-vers "Nofs il-lejl, **ħin** ta' skiet divin" imma xtaqt li kienu aktar spissi. Iżda għal dawn in-nuqqassijiet żgħar ipatti l-kontenut għax numru ġmielu mill-poeżiji għandhom ħsieb sabiħ u ħafna drabi għoli u dawk it-tixbiħat kull tant li jżommuk bil-ġmiel u l-oriġinalità tagħhom.

# IL-MEWT TA' ALBERT CASSOLA

F'Ġunju, ħabta u sabta, ħalliena wieħed mill-membri anzjani tal-Akkademja, il-Kav. Albert Cassola.

Albert Cassola kien interessat f'ħafna friegħi tal-Malti u ħalla kontribut sabiħ tista' tgħid f'kull wieħed minnhom. Persuna umli u riservata, kellu kompetenza bħala kittieb mhux biss bil-Malti, iżda wkoll bl-Ingliż u bit-Taljan. Fil-fatt, huwa kien igħallem it-Taljan (bil-letteratura b'kollox) f'livelli għolja tat-tagħlim. Hawnhekk wieħed jiftakar fil-kitbiet tiegħu bl-Ingliż fost oħrajn fis-**Sundial** tal-istudenti ta' l-Università u fis-sehem li ħa bħala l-ewwel abbozzatur tat-traduzzjonijiet għat-taljan tal-poeżiji ta' l-Onor. Anton Buttigieg li fl-aħħar spiċċaw fil-ktieb **"Il Mare di Malta"** li rebaħ it-trofew tal-fidda mogħti miċ-Circolo Culturale "Rhegium Julii" ta' Reggio Calabria fost 89 konkorrent kittieba ta' kotba ta' poeżija lirika fl-1973.

F'diversi friegħi tal-Malti kien fetaħ it-triq: fil-letteratura infantili, Ġoġo Rummiena, u fil-lirika għall-Għanja Maltija li għaddiet mir-rinaxximent tagħha f'dawn l-aħħar snin, qata' 'l quddiem sew.

Nagħtu l-għomor lill-familja tiegħu fil-waqt li nwegħduhom li l-Akkademja tibqa' tgħożż għal żmien twil is-sehem ta' Cassola fil-qasam tal-kitba bil-Malti.

# POEŻIJI TA' ALBERT M. CASSOLA

## Ferrovija

Kont tifred l-egħlieqi,
kont taqsam ir-raba',
kont timxi biċ-ċlikki,
bin-nies imgħobbija.

Kif tasal taħt mina
issaffar tisfira
u jaqa' dlam ċappa
miksur minn dawl ċkejken
ta' xamgħa mixgħula
ftit qabel.

Kont timxi bħalkieku miġbuda
bil-ħabel
minn żwiemel għajjiena,
kont timxi bil-passi tan-nemla,
solenni u ferħana
daqs l-aqwa sultana.

Hawnhekk imbagħad tieqaf,
f'daqsxejn ta' stazzjon
bħal dar tal-kampanja,
u tieħu nifs qawwi
biex tarġa' biċ-ċlikki
tissokta fil-lanja
u tpassi 'l quddiem.

Vaguni li qisħom tal-pupi,
ħelwin li ma ngħidx:
trenin ta' ċkuniti
jien bħalek ma rajtx.

Niftakar id-dħaħen
ħerġin miċ-ċumnija
tal-lokomotiva,
bħal tifel li jpejjep
biex joħroġ ta' raġel
mal-kbar!